**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Ġunju 2019

Rikors Numru: 253/15 AL

**A B** f' isimha propju u bħala kuratriċi ad litem tal-minuri H D skond id-digriet tas-16 ta' Diċembru 2015

Vs

**E F D, I J u Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġurametnat ippreżentat fit-12 ta' Novembru 2015 li permezz tiegħu r-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti żżewġu fis-Syria fl-ewwel jum ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgħa (01.08.2007);

2. Illi dan iż-żwieġ jinsab irreġistrat f'Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni progressiv elf sitt mija u ħamsa u tletin tas-sena elfejn u sebgħa (1635/2007), kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "Dok A";

3. Illi fil-fatt il-kontendenti qatt ma għixu flimkien iżda sseparaw de jure fl-għaxra ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (10.06.2013) b'kuntratt ta' separazzjoni personali viġenti bejniethom redatt minn Nutar Dottor Ruth Antoinette Grima, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bħala "Dok B";

4. Illi wara li nfirdu de facto iżda qabel ma resqu għal kuntratt ta' separazzjoni personali, l-esponenti kellha tifla li jisimha H li twieldet fl-erbgha ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (04.01.2013) kif juri c-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat “Dok C”;

5. Illi ghalkemm fiz-zmien tat-twelid tal-imsemmi minuri H D kif ukoll fiz-zmien tal-koncepiment tal-istess minuri, r-rikorrenti u l-intimat E F D kienu ghadhom legalment mizzewgin, il-partijiet kienu diga’ separati de facto u kienu jghixu separatament u ghalhekk ma tezisti ebda possibilta’ li l-minuri hija l-wild naturali tal-istess intimat E F D;

6. Illi fil-fatt huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri H D mhux il-wild naturali tal-intimat E F D u kien proprju minħabba l-presunzjoni tal-paternita' ai termini tal-Art. 68 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-intimat tniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri H D;

7. Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-minuri H D hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor I J li dak iz-zmien kellu relazjoni mar-rikorrenti, liema relazzjoni ghadha fis-sehh;

8. Illi l-kontendenti ddikjaraw fil-kuntratt ta' separazzjoni personali li l-intimat mhuwiex missier ulied l-esponenti u l-intimat reġa' tenna l-istess dikjarazzjoni quddiem in-Nutar Dottor Jonathan Zammit fis-sitta u għoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (26.02.2014), kopja ta' l-msemmija dikjarazzjoni qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata "Dok D";

9. Illi r-rikorrenti trid li c-certifikat ta’ binta jkun jirrispekkja l-verita’ u min verament huwa missier il-minuri H D cioe’ li l-misier naturali tal-minuri huwa I J u ghalhekk l-minuri H ghandha tiehu l-kunjom tal-missier

“J” u ladarba l-partijiet mhumiex mizzewgin tiehu ukoll kunjom ir-rikorrenti wara ta’ missierha u cjoe ‘B’;

10. Illi l-intimat u l-minuri H ssottomettew rwiehhom ghal testijiet medici u cjoe testijiet tad-DNA liema testijiet, li saru minn Dr Marisa Cassar, juru li I J huwa l-missier naturali tal-minuri H. Dan ir-rapport qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala “Dok E”

11. Illi ghalhekk jehtieg li c-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi emendat b’tali mod li juri l l-intimat I J huwa il-missier naturali tal-minuri H D;

12. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tintavola l-kawza odjerna permezz ta’ digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat erbgħa ta’ Novembru tas-sena elfejnu ħmistax (04.11.2015) kopja ta’ liema digriet qieghdha tigi hawn annessa u mmarkata “Dok F”;

Talbet li l-intimati jgħidu għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tiddikjara li l-minuri H D mhux il-wild naturali tal-intimat E F D u l-istess intimat m’huwiex il-missier naturali tal-istess minuri;
2. Tiddikjara li l-minuri H D hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor I J;
3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbiku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri H D mill-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier il-kliem “E F D”, in-numru tal-karta tal-identita’ rispettiva tal-intimat li ggib in-numru XXX, il-professjoni jew is-sengha tal-istess intimat, l-eta’, il-post tat-twelid u resienza tal-intimat kif ukoll isem u kunjom missier l-intimat, u jekk l-imsemmi missieru huwiex haj jew mejjet, u minfok jigu sostitwiti bid-dettalja tal-intimat l-iehor I J u cioe’, billi fil-kolonna li tirraprezenta isem u kunjom il-missier jigi inserit il-kliem “I J”, in-numru tal-karta tal-identita’ rispettiva tieghu li ggib n-numru XXX, il-professjoni jew is-sengha tal-istess intimat u cjoe *electrician,* l-eta’ u cjoe 31, il-post tat-twelid li huwa XXX, r-residenza tal-intimat li hija XXX, l-isem u kunjom missier l-intimat I J u cjoe “K J” u jekk l-imsemmi missieri huwiex haj jew mejjet li f’dan il-kaz huwa mejjet;

u tordna kull modifika ohra li tkun mehtiega f'kull att iehor relattiv u sussegwenti fosthom fil-passaport tal-minuri;

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ibiddel il-kunjom tal-minuri minn dak prezenti cioe "D" ghal dak tal-intimat u cjoe "J" u stante li l-partijiet mhumiex mizzewgin wara dak tal-missier jigi mizjud tal-esponenti u cjoe "B";

Bl-ispejjez kontra l-intimati E F D u I J li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi.

Rat in-nota tal-intimat I J a fol 54 li permezz tagħha espona:

Illi qieghed jammetti t-talbiet attriċi hekk kif dedotti fir-rikors ġuramentat.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku a fol 60 li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B ġiet maħtura bħala kurattriċi ad litem tal-minuri H D skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Illi qed jiġi rilevat fuq il-mertu b' mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri H D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi bla ħara għal-premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti trid tipprova li fiż-żmien bejn tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata

qabel it-twelid tat-tifla, hija kellha relazzjoni extramaritali u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jeskludu lir-raġel tar-rikorrenti E F D bħala missier naturali tal-imsemmija H D, u dan ai termini tal-artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll tegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa bis-saħħa ta' l-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri H D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha bin-numru ta' iskrizzjoni 209 tas-sena 2013;

5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġi inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi l-konvenut E F D, debitament notifikat bir-rikors ġuramentat , ma ppreżentax risposta ġuramentata u b'hekk huwa kontumaċi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut E F D , mogħtija quddiem in-Nutar Pubbliku Jonathan Zammit fis-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014), fejn huwa ddikjara li m'huwiex il-missier ta' G B, C D u H D li huma lkoll ulied l-attriċi A B.

Rat illi l-attriċi kisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, sabiex ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili tipproċedi bil-kawża odjerna in vista li ġiet intavolata ferm oltre s-sitt xhur mit-twelid tat-tarbija .

Rat l-affidavit tal-attriċi, minn fejn jirriżultaw is-segwenti fatti:

1. Illi fis-sena 2007, minħabba diżgwid illi kellha mal-ġenituri tagħha, l-attriċi marret tgħix ġo appartament ma' sħabha. Ma kellhiex sold u kienet tgħix minn dak li kienu jagħtuha l-ħbieb.

2. Kienu l-istess ħbieb illi rranġawlha sabiex fis-sajf tal-istess sena tmur is-Sirja u tiżżewweġ lill-konvenut D, kif fil-fatt għamlet fl-1 ta' Awwissu 2007. Wara ġimgħa fis-Sirja hija rritornat hawn Malta mal-ħbieb u mhux ma' żewġha u ħadet ħsieb tirreġistra ż-żwieġ hawn Malta.

3. Fid-data taż-żwieġ, hija diġa kellha tifel li kien qiegħed jgħix il-Creche Tas-Sliema.

4. Wara ż-żwieġ, hija għamlet sentejn oħra tgħix ma' sħabha filwaqt illi l-konvenut kien ġie hawn Malta u stabilixxa ruħu hawn f'dar għalih ma' qrabatu. Ġieli kien imur jaraha fl-appartament ta' sħabha iżda qatt ma kienu jkunu weħidhom u qatt ma kellhom relazzjonijiet sesswali.

5. Tispjega li f'April 2008 kienet tassew imdejqa u qed tħossha weħidha u kienet aċċettat li toħroġ ma' ħabib ta' ħabib tagħha. Hekk kif hija marret għand dan il-ġuvni, dana kien sakkar il-bieb u stupraha. Minn dan l-istupru hija ħarġet tqila u sussegwentement fil-21 ta' Jannar 2009, hija welldet lill-minuri C.

6. Peress li fiż-żmien tal-konċepiment u tat-twelid ta' C, kienet legalment miżżewġa lil D, it-tarbija ġiet irreġistrata bħala l-wild tiegħu;

7. Hija ma xtaqitx tara lil din it-tarbija wkoll titrabba fil-Creche u għalhekk rabbiet il-kuraġġ u rranġat ir-relazzjoni mal-ġenituri tagħha. Fl-2010, hija ħarġet lit-tifel il-kbir mill-Creche u bdiet trabbi lilu u lil C flimkien mal-ġenituri tagħha.

8. Hija qatgħet kull kuntatt li kellha ma' D u l-ħbieb l-oħra.

9. Sussegwentement fis-sena 2011, hija ltaqgħet ma' I J permezz tal-midja soċjali u kienu daħlu f'relazzjoni. Madwar sena wara hija kienet ħarġet tqila bit-tifla H illi effettivament twieldet fl-4 ta' Jannar 2013 ; Anke din id-darba peress li fiż-żmien tal-konċepiment u tat-twelid ta' H, kienet legalment miżżewġa lil Abdabus, it-tarbija ġiet irreġistrata bħala l-wild tiegħu;

10. Fl-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-attriċi u l-konvenut D kienu resqu għal kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Ruth Antoinette Grima, f'liema kuntratt ġie ddikjarat illi l-minuri C u H ma kienux ulied D.

11. L-attriċi m'għandha l-ebda dubju illi H hija bint I J u dana stante li fiż-żmien tal-konċepiment tagħha, hija kellha relazzjonijiet intimi biss mal-imsemmi J. Dana ġie kkonfermat mit-testijiet ġenetiċi illi saru fuq parir tal-konsulent legali tagħha, fejn irriżulta illi l-missier naturali tal-minuri H huwa I J.

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-konvenut I J huwa il-missier naturali tal-minuri H D imwielda lill-attriċi   nhar l-erbgħa ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar . Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament  li hija ħadet il-kampjun orali tal-attriċi A B u tal-minuri H (imwielda 04/01/2013) u ta' I J sabiex ikunu jistgħu jsiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA. Mit-testijiet li għamlet, irriżulta li I J huwa l-missier naturali u bijoloġiku ta' H D.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Frar 2019, fejn il-partijiet kollha qablu li l-minuri għandha tassumi l-kunjom tal-missier naturali u cioe "J" u miegħu ikun miżjud kunjom l-attriċi "B". Dan jirrifletti dak mitlub mill-attriċi fir-raba' talba tagħha fir-rikors ġuramentat.

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Ikkunsidrat:

KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrenti relatata mal-paternita` ta' bintha minuri H imwielda nhar l-4 ta' Jannar 2013.

Illi l-attriċi tikkontendi li minkejja li H twieldet meta hija kienet miżżewġa lill-konvenut EF D, l-istess minuri mhijiex bint l-imsemmi D iżda hija bint il-konvenut I J  Proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment l-Artikolu 67 tal-Kapitolu 16, illi l-istess minuri ġiet imniżżla fiċ-ċertifikat tat-twelid bħala l-bint naturali tal-intimat EF D, qua żewġ omm it-tarbija.

Għalhekk permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenut J huwa l-missier naturali ta' H u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha billi l-konnotati ta' EF D jiġu kkanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-konvenut J bħala l-missier.

Il-Qorti rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili, illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77B, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula:

77B. It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni li persuna huwa ġenitur kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan, tista' wkoll tiġi eżerċitata mill-ġenitur li wiled permezz ta' rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi l-ieħor, il-ġenitur naturali u l-wild imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba tali ġenitur li wiled jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild tali ġenitur wettaq adulterju ma' dik il-persuna li dak il-ġenitur ikun qiegħed jitlob li jiġi ddikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-ġenitur naturali tal-wild.

Illi fil-każ odjern, il-Qorti tista' sserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri hijiex bint il-konvenut J o meno, liema testijiet ikkonfermaw li l-konvenut J huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri H. Illi l-Qorti, oltre li sserraħ fuq ix-xiehda mogħtija mill-attriċi fis-sens illi fiż-żmien tal-konċepiment tat-tarbija H, hija kellha relazzjonijiet intimi biss mal-konvenut J, tista' tiddependi wkoll fuq il-provi ġenetiċi. M'hemmx ħtieġa ta' analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut J, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri H.

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi, debitament maħlufa, illi effettivament il-minuri H hija l-bint naturali u bijoloġiku tal-konvenut I J. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il-paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li I J huwa l-missier naturali tal-minuri H.

Għaldaqstant il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għaliex it-talbiet attiċi m'għandhomx jiġu akkolti.

Rat illi d-dettalji tal-konvenut I J, ai fini tar-reġistrazzjoni tiegħu fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, huma s-segwenti :

1) Isem u kunjom: I J
2) Id-dokument tal-identita`: XX
3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri: 31 sena,
4) Il-post tat-twelid ta' I J: XX
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: XX
6) Isem u kunjom missieru: K J
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Mejjet

DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut E F D m’huwiex il-missier bijoloġiku u naturali tal-minuri H imwielda lill-attriċi nhar l-erbgħa (4) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) ;

2. Tiddikjara illi l-imsemmija H hija l-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut I J detentur tal-karta tal-identita` bin-numru XX;

3. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-imsemmi H innumerat mitejn u disgħa tas-sena elfejn u tlettax (209/2013), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi għall-konvenut E F D u tissostitwixxi dawn bid-dettalji tal-konvenut I J kif jirriżultaw iktar ’il fuq f’din is-sentenza;

4. Tiddikjara illi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi, l-imsemmija H b’effett mill-preżenti, għandha tkunu magħrufa bil-kunjom “J B”, u għalhekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f’dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri innumerat mitejn u disgħa tas-sena elfejn u tlettax (209/2013).

5. Għal kull buon fini, tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jekk ikun il-każ, fl-istess att tat-twelid tal-minuri H, jikkanċella il-kliem “the said” mill-konnotati tal-omm;

Bl-ispejjeż, inkluż tat-testijiet ġenetiċi esebiti f’din il-kawża, ikunu sopportati b’mod ugwali mill-attriċi A B u mill-konvenut I J.